*Artikolu 75(1) tal-Kap 452;*
*Gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali;*
*'pacta sunt servanda'*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' Lulju, 2017**

**Numru 19**

**Citazzjoni Numru 733/04 TA**

**Anthony Boyanzis**

**vs**

**Milano Due Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni prezentata u mahlufa mill-attur Anthony Boyanzis, li permezz taghha ppremetta u talab s-segwenti:-

> "Peress illi l-attur kien impjegat mas-socjeta` konvenuta u l-impjieg tieghu kien irregolat bil-kuntratt ta' impjieg datat l-20 ta' Frar, 2001 illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa bhala Dok. 'A';

Peress illi a tenur ta' klawsola 5(iv) tal-imsemmi kuntratt ta' impjieg (Dok. 'A') is-socjeta` konvenuta hija obbligata illi thallas lill-attur somma flus ekwivalenti ghal mhux inqas mis-salarju tieghu ghall-hames (5) snin f'kaz illi l-impjieg tal-attur jigi itterminat ghal xi raguni imfissra fl-imsemmija klawsola 5(iv) tal-imsemmi kuntratt ta' impjieg;

Peress illi fit-30 ta' Gunju, 2004 is-socjeta` konvenuta itterminat l-impjieg tal-attur (vide Dok. 'B') minghajr ebda raguni valida fil-ligi, u dan wara illi l-istess socjeta` konvenuta kienet gieghlet lill-attur sabiex johrog fuq 'forced leave' ghall-perjodu twil ta' zmien;

Peress illi l-attur interpella lis-socjeta` konvenuta permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta' Lulju, 2004 (vide Dok. 'C') biex tersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tal-kumpens lilu dovut a tenur tal-kuntratt ta' impjieg vinkolanti bejn il-partijiet, izda s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u permezz ta' ittra ufficjali responsiva datata 13 ta' Lulju, 2004 (vide Dok. 'D') irrespingiet il-pretensjonijiet tal-attur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lill-attur dik is-somma ekwivalenti ghal mhux inqas minn hames (5) snin salarju tal-istess attur a tenur ta' klawsola 5(iv) tal-kuntratt ta' impjieg tal-attur datat l-20 ta' Frar, 2001;

2. tillikwida dik is-somma dovuta mis-socjeta` konvenuta lill-attur a tenur ta' klawsola 5(iv) tal-kuntratt ta' impjieg tal-attur datat l-20 ta' Frar, 2001, okkorrendo bl-opera ta' perit komputista nominandi; u

3. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta biex thallas lill-attur dik is-somma kif likwidata.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Lulju, 2004, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1675/04 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 1705/04 u bl-imghax legali mit-30 ta' Gunju, 2004 sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mis-Socjeta` Milano Due Ltd fit-30 ta' Marzu 2005 u d-dikjarazzjoni maghha annessa mahlufa mill-Avukat Dr. George Cassar fl-istess data li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"1. In linea preliminari, illi din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni u kompetenza li tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza stante illi tali gurisdizzjoni tvesti eskluzivament fit-Tribunal Industrijali.

Kif jirrizulta mill-ittra mibghuta mis-socjeta` konvenuta lill-attur (ezebita bhala Dok "B" mac-citazzjoni), il-kumpanija itterminat l-impieg tal-attur "for good and sufficient reasons according to law".

Skond il-klawsola 5 (iv) tal-kuntratt ta' impieg tal-attur, il-kumpens li huwa qed jippretendi ikun dovut, fost okkazzjonijiet ohra "…… if the Employee is unfairly/unjustifiably dismissed ……"

L-Artikolu 75 (I) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta) jghid testwalment:

> "*Minkejja kull ma jinstab f'kull ligi ohra, <u>it-Tribunal Industrijali ikollu gurisdizzjoni esklusiva u li jikkunsidra u jiddeciedi</u>:*
>
> *<u>(a) il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta … … ghal kull ghand … … …., u r-rimendju ta' haddiem hekk imkecci ….. ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat it-Tribunal Industrijali u mhux xorta ohra."</u>* (Sottolinjar tal-esponenti)

Galadarba l-attur qed jallega li t-tkeccija tieghu kienet ingusta, l-uniku organu li kellu gurisdizzjoni jiddeciedi dwar din l-allegazzjoni kien it-Tribunal Industrijali.

Inoltre skond l-Artikolu 31 tal-istes Kap 452, jekk it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, a termini tal-Artikolu 75, illi tkeccija kienet ingusta, huwa l-istess Tribunal li ghandu gurisdizzjoni li jiffissa kumpens skond il-kriterji hemm stabbiliti.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju, ic-citazzjoni hija irrita u nulla stante illi l-attur talab il-hlas tal-kumpens illi qed jippretendi, minghajr ma ghamel talba illi s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-hlas tal-kumpens pretiz.

3. Dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, t-terminazzjoni tal-impieg tal-attur saret ghal ragunijiet validi skond il-ligi.

4. Dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, il-kuntratt ta' impieg inkluza l-klawsola 5(iv) invokata mill-attur huma nulli u bla effett stante li ma giex iffirmat minn zewg diretturi tal-kumpanija kif rikjest mill-Memorandum and Articles of Association taghha.

5. Dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, l-ammont riklamat bhala kumpens mill-attur huwa eccessiv.

6. Dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju l-imghax mitlub mhux dovut.

7. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Qrat ix-xhieda li gew imressqin mill-partijiet;

Rat il-verbal ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-8 ta' Gunju, 2006 li permezz tieghu halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ta' gurisdizzjoni;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' April, 2017 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** L-attur kien impjegat indefinittivament mas-Socjeta` konvenuta bis-sahha ta' kuntratt ta' impieg datat 20 ta' Frar, 2001, li kopja tieghu tinsab annessa mal-istess citazzjoni bhala dok 'A' (a` fol 8).

**2.** Permezz ta' ittra tat-30 ta' Gunju 2004 (a` fol 12) is-Socjeta` konvenuta itterminat l-impieg tal-attur. Ir-raguni li tat ghat-temm ta' dan l-impieg kien:- "... for good and sufficient reasons according to law".

**3.** L-attur ma accettax bhala gusta din it-terminazzjoni u permezz ta' ittra ufficjali prezentata fil-Prim'Awla Qorti Civili datata 6 ta' Lulju 2004 (a` fol 13), interpella lis-Socjeta` konvenuta sabiex thallsu l-kumpens ai termini tal-klawsola 5(iv) tal-kuntratt fuq imsemmi. Permezz tal-ittra ufficjali responsiva tat-13 ta' Lulju 2004, is-Socjeta` konvenuta irrespingiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, il-pretensjonijiet vantati mill-attur (a` fol 14).

Klawsola 5(iv) tal-kuntratt tal-20 ta' Frar 2001 kienet fost ohrajn tistipula li:-

> "It is agreed and accepted by both parties that, in the event that the Employer terminates the employment of the Employee on account of ... ... or if the Employee is unfairly/unjustifiably dismissed, then the Employer will pay,

within three calendar months from the official date of termination, the sum which will be **not less than** five years annual gross salary".

**4.** Wara li l-attur ghamel tentattiv biex jiltaqa' mas-Socjeta` konvenuta (ara ittra datata 18 ta' Lulju 2004 a` fol 15), l-attur ghamel il-kawza odjerna biex jirriklama l-ammont stipulat fil-klawsola 5(iv) fuq imsemmija. Fost l-eccezzjonijiet moghtija mis-Socjeta` konvenuta hemm dik li l-Qorti kif adita ma ghandhiex gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni tat-talbiet tal-attur ghaliex is-*subiecta materia* taqa' fil-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali kif regolat minn Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

**5.** Ghalhekk dak li ghandu jkun deciz preliminarjament f'din il-kawza hija l-kwistjoni ta' gurisdizzjoni kif imqanqla mis-Socjeta` konvenuta u trattata miz-zewg partijiet fin-noti ta' osservazzjonijiet taghhom.

**<u>Punti ta' ligi</u>**

**6.** Dwar punti ta' ligi ma hemmx fejn titfixkel. Il-kwistjoni kollha tintrabat mal-apprezzament legali tal-klawsola 5(iv) tal-kuntratt ta' impieg tal-20 ta' Frar 2001 u jekk dak li qieghed jintalab fil-kawza huwiex sostantivament materja ta' natura prettament civili u cioe` li taqa' fil-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji jew jekk hiex materja ta' relazzjonijiet industrijali, li skont artikolu 75(1)(a) jaqa' esklussivament fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali kif

kostitwit taht Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ad eskluzjoni ta' kull Qorti jew Tribunal iehor.

**Konsiderazzjonijiet**

**7.** Fit-tielet kawzali tac-citazzjoni attrici, l-attur qieghed jallaccja t-talba tal-hlas mal-fatt li l-impieg tieghu gie tterminat mis-Socjeta` konvenuta "minghjar ebda raguni valida fil-ligi". Jaghti x'jifhem li si trattava ta' *constructive dismissal* da parti tas-Socjeta` konvenuta. Difatti jkompli jghid, li dan gara "wara li l-istess Socjeta` konvenuta kienet gieghlet lill-attur sabiex johrog fuq 'forced leave' ghal perjodu twil ta' zmien". B'danakollu, fit-talbiet imkien ma jitlob xi xorta ta' dikjarazzjoni f'dan ir-rigward u cioe` li t-temm tal-impieg tieghu ma kienx ghal xi raguni gust. Jitlob mill-ewwel il-hlas.

**8.** Qabel xejn, jigi rilevat li mhux kull kwistjoni ta' natura industrijali taqa' fil-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali. Per ezempju dawn il-Qrati dejjem jinsistu li mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali. Wiehed jasal ghall-konferma ta` dan minn ezami tas-seba' taqsimiet tat-Titolu I. Fejn il-ligi riedet fit-Titolu I tirreferi ghat-Tribunal Industrijali, dan ghamiltu car u tond. Per ezempju, "Fil-kaz tat-Taqsima I li tirrigwarda l-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, ma hemm xejn li jaqa' taht il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Invece fejn tidhol it-Taqsima IV, li tittratta l-Protezzjoni kontra Diskriminazzjoni relatata mal-Impieg, hemm it-Tribunal Industrijali li

ghandu gurisdizzjoni, kif tghid il-ligi stess." (Ara sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet 'Simon Grima vs MH Malta Limited'; Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta' Jannar 2012 fl-ismijiet 'Josette Attard vs Rettur Universita` ta' Malta'**).

**9.** Biex jigi evalwat jekk it-talbiet li ghandha quddiemha l-Qorti humiex fost dawk li jistghu jiehdu konjizzjoni taghhom il-Qrati ordinarji u mhux esklussivamnet it-Tribunal, issir referenza ghal dak li ssottometta l-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu li diga' sar accenn ghalih aktar 'l fuq. L-attur jikkontendi li ma hux qieghed jitlob dikjarazzjoni illi l-impieg tieghu gie ingustament itterminat. Li qieghed jitlob hija "it-twettiq ta' patt ikkuntrattat bejn iz-zewg partijiet u cioe` l-infurzar ta' obbligazzjoni kuntrattwali assunta mis-socjeta` konvenuta" (a` fol 478 para 6 tan-nota ta' osservazzjonijiet). Ergo jsegwi, li li kieku talab tali dikjarazzjoni, allura kien ikun evidenti li l-Qrati Ordinarji ma ghandhomx kompetenza.

**10.** L-attur qieghed jinsisti, anke fuq stregwa ta' diversi sentenzi li ghalhekk "huwa principju generali bil-wisq notorju illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri" **(Vol.XI; pg 401, Vol X; pg 926 u Vol XXXIX;I;pg243)**. Dan huwa kollu legalment minnu, izda dan irid ukoll jittiehed fil-kuntest sostantiv tal-azzjonijiet li jkunu jaqghu fil-gurisdizzjoni tal-Qorti li tigi adita biex tiehu konjizzjoni taghhom u mhux ta' xi azzjoni, li issejhilha kif issejhilha, jew

imfassla kif tkun imfassla c-citazzjoni fis-sostanza taghha, tkun b'ligi specjali taqa' fil-gurisdizzjoni esklussiva ta' xi Awtorita` aggudikatrici ohra li ma jkunux il-Qrati ordinarji.

**11.** F'dan ir-rigward huwa ta' utilita` ghar-risoluzzjoni ta' dan id-dibattitu legali li ssir referenza ghas-sentenza **tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Lulju 2015, per Magistrat Consuelo Scerri Herrera fl-ismijiet Ian Falzon vs L-Awtorita' tat-Trasport f'Malta**. F'dik il-kawza l-attur kien qieghed jitlob li l-Awtorita` konvenuta thallsu s-somma ta' disat elef u disa' mitt ewro (€9,900), rapprezentanti hmistax fil-mija (15%) tal-paga ta' Ian Falzon bhala *performance bonus* dovuta lilu minn Jannar 2013 sal-31 ta' Dicembru 2013 skond il-klawsola numru 5.1 tal-kuntratt ta' impieg tieghu mal-imsemmija Awtorita'. F'din il-kawza dik il-Qorti qalet hekk:

> "Fil-kuntest tat-talba tieghu din il-Qorti ma tqisx li indagini dwar ir-raguni tat-terminazzjoni tal-impjieg li illum allegatament tinsab pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali hija essenzjali. Din il-Qorti tista' takkolji jew tichad it-talba tal-attur ghall-hlas ta' din il-*performance bonus* minghajr ma jigi determinat jekk it-terminazzjoni kinitx gustifikata jew le. Id-dritt ghall-hlas ta' dawn il-*bonuses* ma jiddependix u dan ghaliex it-talba tal-attur f'dinil-kawza hija ta' natura kuntrattwali u mhux industrijali. Fil-fatt l-attur qed isostni li qieghed jagixxi ghal "breach of contract"."

**12.** Ghalhekk f'dik il-kawza il-Qorti cahdet eccezzjoni simili ghal dik li qed tqanqal is-Socjeta` konvenuta fil-kawza odjerna.

Ghalhekk skont ir-ragunament ta' din is-sentenza jrid ikun ezaminat jekk l-ewwel talba tal-attur fil-kawza odjerna, hiex ghal kollox indipendenti u

awtonoma minn kull dikjarazzjoni dwar ir-regolarita` o meno fit-terminazzjoni tal-impieg tieghu. Fis-sewwa, fid-dawl tal-klawsola 5(iv) tal-kuntratt ta' impieg tal-20 ta' Frar 2001, l-ammont li qieghed jitlob l-attur jista' jinghatalu biss jekk skont dik il-klawsola kienx "unfairly/unjustifiably dismissed". Id-dritt li jitlob il-kumpens imsemmi, ma hux wiehed awtomatiku li jrid jithallas mal-fatt biss li l-impieg gie mitmum, izda jrid ikun vinkolat ma' tkeccija ingusta.

**13.** Di fatti l-attur ma setax li fic-cirkostanzi tieghu, kif fil-fatt ghamel fil-kawzali, ma jsemmix, li l-impieg tieghu gie mitmum "minghjar ebda raguni valida fil-ligi", ovvjament fit-termini tal-kuntratt imsemmi. Di piu', in konsonanza mal-principju ta' *pacta sunt servanda*, fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-klawsola fuq imsemmija, ma hux possibbli li wiehed jislet ir-responsabbilta` tal-*Employer* mill-hlas ta' kumpens li qieghed jitlob l-attur. Anzi, tal-ahhar tiddependi intrinsikament fuq tal-ewwel. Ghalhekk min ghandu jiggudika jekk dan il-hlas hux dovut, ma jistax ma jinvestix il-kwistjoni jekk it-temm tal-impieg tal-attur kienx ghal raguni gustifikat skont kif imfisser fil-klawsola fuq imsemmija, liema kwistjoni l-partijiet sahansitra hasbu ghaliha fil-kunratt ta' bejniethom.

Issa artikolu 75(1) tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta jiddisponi dan li gej:-

> "Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni eskluziva li jikkunsidra u jiddeċiedi -
>
> (*a*) il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta; u

> (*b*) il-kazijiet kollha li jaqghu tah il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahtu, ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi, u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jew li mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tieghu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra:"

Dan il-principju tant huwa sagrosant li sub-artikolu 2 jkompli jiddisponi illi:-

> "Meta jigi allegat li haddiem ikun tkecca b'mod ingust minn principal, jew fejn jigi allegat li kien hemm ksur ta' xi dmir li jorigina minn xi haga li taqa' taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali taht it-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' xi regolament preskritt tahtu, il-kaz ghandu jintbaghat lit-Tribunal għad-decizjoni tieghu fuq talba bil-miktub ghal hekk maghmula mill-ħaddiem li jallega l-ksur jew minn xi persuna ohra f'isem u ghal dak il-haddiem".

**14.** Il-Qorti, ghalhekk, ma tistax ma tilqax l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Kif ben tajjeb gie ribadit minn dawn il-Qrati diversi drabi, il-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali giet konferita bil-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta b'deroga ghall-gurisdizzjoni generali tal-qrati ordinarji. Ghalhekk, salv fil-kazijiet indikati fil-ligi stess, id-disposizzjonijiet tal-Kap.452 ma jistghux jigu interpretati b'mod wiesgha tant li jigu estizi sabiex jinkludu setghat li l-legislatur ma ndikax fil-ligi ghax ma riedx li dawn jidhlu fil-parametri tas-setghat tat-Tribunal. Fi kliem iehor, il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setghat li ghandu huma dawk espressament indikati fil-ligi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tieghu. (**Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet 'Simon Grima vs MH Malta Limited'** - saret referenza ghal din is-sentenza aktar 'il fuq). Minn dan jinsilet l-argument, li bl-istess mod, il-gurisdizzjoni specjali tat-Tribunal ma jistghux jigu estizi bl-istess mod ghall-Qrati ordinarji b'mod indirett jew b'sotterfugju.

Ghalhekk in-nuqqas ta' gurisdizzjoni f'dawn il-kazijiet ma jitnissilx mill-mod kif tkun imfassla kawza quddiem il-Qrati Civili izda mis-sustanza tal-azzjoni li qed tkun esperita.

**15.** Il-materja ta' gurisdizzjoni hija wahda essenzjali ghall-ordinament guridiku u intiza biex ma jkunx hemm straripament ta' gurisdizzjoni bejn id-diversi Awtorita` aggudikatrici.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant invista tas-suespost il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li **tilqa'** l-ewwel eccezzjoni tas-Socjeta` konvenuta, qeghdha **tichad** it-talbiet attrici kollha.

Fic-cirkostanzi, din il-Qorti thoss li l-ispejjes tal-kawza ghandhom ikunu nofs bin-nofs.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**